

MT

MT

MT



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 26.8.2008
KUMM(2008) 526 finali

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-
PARLAMENT EWROPEW**

**dwar il-Metodoloġija u t-Termini ta' Referenza li għandhom jintużaw għall-analiżi
mwettqa mill-esperti indipendenti fir-rigward tal-Istrutturi u l-Mekkaniżi għall-Kunsill
Ewropew tar-Riċerka**

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-Metodoloġija u t-Termini ta' Referenza li għandhom jintużaw għall-analiżi mwettqa mill-esperti indipendenti fir-rigward tal-Istrutturi u l-Mekkaniżmi għall-Kunsill Ewropew tar-Riċerka

1. INTRODUZZJONI

Il-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (KER), stabbilit taħt il-Programm Speċifiku “Ideat”, jiddefinixxi komponent xjentifiku ġdid tas-7 Programm Kwadru tar-Riċerka u tluq sinifikanti mill-attivitajiet Komunitarji ta' riċerka tal-imgħoddi. B'appoġġ għar-riċerka esploratorja mwettqa minn timijiet individwali fuq il-bażi ta' kompetizzjoni miftuħa madwar l-Ewropa bil-kriterju uniku tal-eċċellenza, għandu l-għan li jagħmel kontribut sostanzjali għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet tar-riċerka tal-Ewropa fl-ogħla livell possibbli.

Il-KER jirrifletti wkoll xejra innovattiva fit-tfassil istituzzjonali li ddaħlet bis-7 Programm Kwadru, li tinkorpora wkoll, pereżempju, l-Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti (JTIs) stabbiliti taħt l-Artikolu 171 tat-Trattat. Igħib miegħu innovazzjonijiet importanti fil-metodi ta' implimentazzjoni permezz ta' Kunsill Xjentifiku indipendenti u esekuzzjoni ta' programm awtonomu permezz ta' struttura ta' implimentazzjoni apposta fil-forma ta' Aġenzija Eżekuttiva tal-Kummissjoni.

L-għanijiet u l-metodi ta' implimentazzjoni l-ġodda introdotti mill-KER huma mmotivati minn naħa, mill-ħtieġa politika u ekonomika taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u l-proċess ta' Liżbona, fejn il-kapaċitajiet tal-Ewropa fir-riċerka esploratorja jitqiesu bħala ċentrali għall-prospetti futuri f'dinja globalizzata; u min-naħa l-oħra, mir-rieda tal-UE biex ittejjeb il-bażi istituzzjonali għall-implimentazzjoni tal-politika tagħha filwaqt li tiżgura l-effiċjenza u l-integrità fl-użu tal-fondi tal-Unjoni.

Ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tal-Programm Speċifiku “Ideat” hija kkombinata mad-dmir li tiżgura l-awtonomija u l-integrità kompleta tal-KER. Bl-għan li l-KER jkun ta' suċċess bħala mudell ġdid għall-finanzjament ta' riċerka tal-UE, għandu l-kapaċità jispira aktar proġess lejn ġestjoni aktar effettiva u esternalizzata mal-Programm Kwadru kollu.

Dan huwa l-kuntest ta' din il-Komunikazzjoni, li tippreżenta l-proposta tal-Kummissjoni dwar il-metodoloġija u t-termini ta' referenza li għandhom jintużaw għall-analiżi tal-istrutturi u l-mekkaniżmi tal-KER (minn issa 'l quddiem "l-analiżi"), kif tissewma fil-leġislazzjoni dwar is-7 Programm Kwadru. Hija twettaq l-impenn tal-Kummissjoni biex tipproponi tali Komunikazzjoni sa nofs l-2008¹.

¹ “Fil-kuntest tar-rapport dwar il-progress imsemmi fl-Artikolu 7(2) u li jippreċedi l-analiżi interim, il-Kummissjoni ser tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sa nofs l-2008 Komunikazzjoni dwar il-metodoloġija u t-termini ta' referenza li għandhom jintużaw għall-analiżi li għandha titwettaq minn esperti indipendenti rigward l-istrutturi u l-mekkaniżmi tal-KER. Jekk ikun meħtieġ il-Kummissjoni ser tippreżenta proposta għall-adattament tal-Programm Kwadru.” (ĠU L 412; 30 12 06).

2. L-GĦAN TAL-PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI

Il-prinċipji ewlenin li għandu jopera fuqhom il-KER - l-eċċellenza xjentifika, l-awtonomija, l-effiċjenza u t-trasparenza - ġew stabbiliti u kkonfermati matul id-dibattitu politiku li wassal għall-proposta tal-Kummissjoni għall-Programm Speċifiku "Ideat". Matul in-negozjati sussegwenti, li fihom il-Parlament Ewropew u l-Istati Membri esprimew appoġġ ġenerali għall-kunċett tal-KER, in-natura tal-istruttura ta' implimentazzjoni tiegħu ġiet diskussa b'mod intensiv. Il-proposta tal-Kummissjoni li l-korp għandu jkun Aġenzija Eżekuttiva ġiet diskussa sostanzjalment u ġiet aċċettata, bil-kundizzjoni li tiġi evalwata aktar tard f'termini ta' rendiment, biex jiġi żgurat li l-KER ikun jista' jopera aktar fit-tul taħt l-aqwa kundizzjonijiet possibbli.

L-implimentazzjoni u l-ġestjoni tal-attività ser jiġu riveduti u evalwati fuq bażi kontinwa sabiex jiġu vvalutati l-kisbiet tagħha u sabiex jiġu aġġustati u mtejbja l-proċeduri abbażi tal-esperjenza. Fil-kuntest tal-analiżi interim imsemmija fl-Artikolu 7(2) tal-Programm Kwadru, ser titwettaq ukoll analiżi indipendenti tal-istrutturi u l-mekkaniżmi tal-KER, kontra l-kriterji tal-eċċellenza xjentifika, l-awtonomija, l-effiċjenza u t-trasparenza u bl-involviment sħiħ tal-Kunsill Xjentifiku. Dan ser jinkludi l-proċess u l-kriterji għall-għażla tal-membri tal-Kunsill Xjentifiku. L-analiżi ser tħares b'mod espliċitu lejn il-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' struttura bbażata fuq Aġenzija Eżekuttiva u struttura bbażata fuq l-Artikolu 171 tat-Trattat. Abbażi ta' din l-analiżi, dawn l-istrutturi u l-mekkaniżmi għandhom jiġu modifikati kif xieraq. Il-Kummissjoni ser tiżgura li l-ħidma preparatorja kollha meħtieġa, inkluża kwalunkwe proposta leġislattiva li hija tqis meħtieġa, titwettaq u tiġi ppreżentata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, kif meħtieġ mit-Trattat, bil-ħsieb ta' tranżizzjoni għal kwalunkwe struttura modifikata meħtieġa, kemm jista' jkun malajr. Għal dan il-għan il-Programm Kwadru ser jiġi adattat jew issupplimentat b'kodeċizzjoni skont l-Artikolu 166(2) tat-Trattat. Ir-rapport ta' progress imsemmi fl-Artikolu 7(2) tal-Programm Kwadru, li jsir qabel l-analiżi interim, ser jagħti l-konklużjonijiet inizjali dwar il-funzjonament tal-KER².

Il-Kummissjoni hija impenjata lejn it-tweġġiq tal-analiżi fuq il-bażi tal-evidenza u b'mod kompletament indipendenti u trasparenti, biex tassigura l-fiduċja u l-kunfidenza tal-partijiet interessati³, u li tiegħu l-passi meħtieġa, b'konsistenza mal-proċess meħtieġ u l-ġestjoni soda, biex tiegħu azzjoni fuq il-konklużjonijiet tagħha. Għalhekk huwa essenzjali li l-analiżi għandha tikkonkludi bl-identifikazzjoni tat-titjib li jista' jiġi implimentat fil-qafas tal-leġislazzjoni tal-UE u l-prassi amministrattiva.

3. IL-QAGĦDA ATTWALI FL-IŻVILUPP TAL-KER

Sar progress rapidu fl-istabbiliment tal-KER u fit-twaqqif tal-operazzjonijiet ta' finanzjament tiegħu, u diġà nkiseb ħafna għarfien fir-rigward tal-effikaċja tal-istrutturi u l-mekkaniżmi u l-interfaces mal-ambjent intern u estern.

² Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-programm speċifiku: Ideat li timplimenta s-Seba' Programm Kwadru (2007-2013) tal-Komunità Ewropea għall-attivitàjiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni. (2006/972/KE) ĠU L 54, p.88, 22.2.2007.

³ L-analiżi se ssir f'konformità mal-istandards ta' analiżi stabbiliti mill-Kummissjoni: "Responding to strategic needs: [Nirrispondu għall-ħtiġijiet strateġiċi] reinforcing the use of evaluation" [insaħħu l-użu tal-evalwazzjoni] SEC(2007)213.

F'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, il-Kunsill Xjentifiku ħadem b'impenn u enerġija minn Ottubru 2005 biex jiżviluppa l-istrategġija xjentifika tal-KER, li tinkludi l-iskemi tal-għotjiet u l-metodoloġija tal-analiżi *inter pares*, u biex jidentifika evalwaturi laterali tal-kwalità u l-esperjenza meħtieġa.

Issa huwa importanti li nimxu 'l quddiem lejn struttura stabbli u prevedibbli għall-medda t-twila taż-żmien, malajr kemm jista' jkun. Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni tippromponi li torganizza l-analiżi ta' nofs il-mandat kmieni kemm jista' jkun, skont skeda li tippermettilha li titwettaq sostanzjalment fit-terminu tal-Parlament Ewropew attwali u li tintemm fit-terminu tal-Kummissjoni attwali.

Kif ingħad fir-Rapport Annwali tal-Kummissjoni⁴, il-KER twaqqaf uffiċjalment fit-2 ta' Frar 2007, permezz ta' Deċiżjoni tal-Kummissjoni⁵, skont id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill u tal-Parlament dwar is-7 Programm Kwadru⁶ u r-Regoli għall-Parteċipazzjoni⁷, u d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-Programm Speċifiku "Ideat"⁸. Il-Programm Speċifiku "Ideat" jiddefinixxi l-istruttura kumplessiva tal-governanza tal-KER, u jistipula r-rwoli tal-Kunsill Xjentifiku, struttura dedikata għall-implimentazzjoni u Kummissjoni, u jistipula li l-Kummissjoni hija responsabbli għall-implimentazzjoni tal-programm "Ideat" u biex tiġi ggarantita l-awtomija sħiħa u l-integrità tal-KER. Id-disinn u l-implimentazzjoni dettaljati kienu karatterizzati minn interazzjoni kreattiva u produttiva ferm bejn il-Kunsill Xjentifiku u s-servizzi tal-Kummissjoni, partikolarment fid-dawl tal-ħtieġa li jiġu aġġustati l-proċeduri li ma kinux iddisinjati b'konsidrazzjoni għall-KER.

L-ewwel sena tal-operat (2007) kienet assoċjata mal-implimentazzjoni tal-iskema tal-"Għotja tal-Bidu" għall-investigaturi fil-proċess li jistabbilixxu l-indipendenza tagħhom. Is-sejħa tqieset bħala suċċess kbir mill-partijiet interessati esterni f'termini tal-għadd kbir ta' applikazzjonijiet ipproċessati (aktar minn 9000), li rriżultaw fi kważi 300 għotja. Barra minn hekk, għadd ta' Stati Membri ħabbru li se jużaw ir-riżultati tal-analiżi KER biex jiffinanzjaw riċerkaturi żgħażaġh li ma kinux appoġġati mill-KER minħabba restrizzjonijiet ta' baġit. Fit-tieni sena seħħ tisħiħ tal-aġenda xjentifika biż-żieda tat-tieni skema ta' "Għotja Avvanzata" għal investigaturi stabbiliti, indipendenti, kif ukoll żviluppi sostanzjali lejn il-ħolqien tal-Aġenzija Eżekuttiva.

L-Aġenzija Eżekuttiva KER tinsab fl-istadju preparatorju. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva KER ġiet adottata fl-14 ta' Diċembru 2007⁹, wara li nġhatat l-opinjoni pożittiva dwar l-abbozz ta' proposta mill-Kumitat Regolatorju tal-Istati Membri dwar l-Aġenzija Eżekuttiva u vot pożittiv mill-Kumitat tal-Baġit tal-Parlament Ewropew f'Novembru 2007. Huwa mistenni li f'Settembru 2008 il-Kummissjoni tadotta Att ta' Delegazzjoni u wkoll Deċiżjoni dwar in-nominazzjoni tal-membri tal-Kumitat ta' Direzzjoni. Sakemm jinħatar Direttur, qed isir eżerċizzju kbir ta' reklutaġġ għall-istaff tal-aġenzija, flimkien ta' żvilupp ulterjuri tal-operazzjonijiet u l-infrastruttura tal-aġenzija

⁴ Rapport Annwali dwar l-operazzjonijiet u t-tweqqif tal-għanijiet tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka kif stabbiliti fil-Programm Speċifiku "Ideat" fl-2007, COM(2008)473.

⁵ 2007/134/KE; ĠU L 57, 24.02.2007, p. 14.

⁶ 1982/2006/KE tat-18.12.06, ĠU L 412, 30.12.2006, p.1.

⁷ 1906/2006/KE tat-18.12.06, ĠU L 391, 30.12.2006, p.1.

⁸ 2006/972/KE tad-19.12.06, ĠU L 400, 30.12.2006 p.243 u corrigendum ĠU L 54, 22.2.2007, p.81.

⁹ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Diċembru 2007 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka għall-ġestjoni tal-programm speċifiku Komunitarju Ideat fil-qasam tar-riċerka fil-fruntieri tal-għarfien b'applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 ĠU L 9 p.15, 12.1.2008.

eżekuttiva taħt l-awtorità tad-DĠ għar-Riċerka. Ir-reklutaġġ għall-KER qed jitwettaq b'konsiderazzjoni għar-rekwiżiti speċifiċi tal-eċċellenza xjentifika; id-Direttur u l-ogħla livelli tal-korp ta' ġestjoni jinħatru filwaqt li jitqiesu l-fehmiet tal-Kunsill Xjentifiku, kif speċifikati fil-Programm Speċifiku "Ideat".

B'mod indipendenti mill-analiżi tal-istrutturi u l-mekkaniżmi, l-KER huwa ddiżinjat biex ikun "organizzazzjoni ta' taġħlim"¹⁰, li tiżviluppa u tadatta biex jiġi żgurat li tilħaq l-għanijiet tagħha b'mod effiċjenti u effettiv. F'dan l-ispirtu, il-Kummissjoni diġà ħadet passi biex taġġusta ċerti aspetti tal-implimentazzjoni fuq il-bażi tal-esperjenza inizjali, f'konsultazzjoni mal-Kunsill Xjentifiku. Barra minn hekk, u mingħajr preġudizzju għat-twettiq tal-analiżi ta' nofs il-mandat u tar-riżultati tagħha, il-Kummissjoni qed tinvestiga l-possibbiltà li tieħu għadd ta' passi ulterjuri biex ittejjeb sostanzjalment l-operazzjonijiet tal-KER permezz ta' aġġustamenti tekniċi fi ħdan id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Kunsill u tal-Parlament. L-oqsma li fihom jista' jkun previst titjib ta' din ix-xorta huma elenkati fl-anness.

4. L-ORGANIZZAZZJONI U T-TWETTIQ TAL-ANALIŻI

4.1 L-għażla tal-esperti indipendenti

Il-kredibilità tal-analiżi u tar-riżultati tagħha se tiddependi l-ewwelnett fuq l-integrità, il-firxa tal-għarfien u r-reputazzjoni tal-esperti magħżula biex iwettquha. Il-Kummissjoni ttipproponi li taħtar Bord magħmul minn President u erba' membri oħra, kif ukoll rapporteur, u l-partijiet ewlenin interessati għandhom jinżammu infurmati. Il-Bord ikun stabbilit biex kumplessivament, jissodisfa l-kriterji ewlenin li ġejjin:

- Għarfien espert tal-politika u l-ġestjoni tar-riċerka fuq il-livell nazzjonali, dak Ewropew u/jew dak internazzjonali;
- Firxa ta' kompetenzi biex il-Kunsill Ewropew tar-Riċerka jkun jista' jiġi vvalutat minn perspettiva xjentifika, amministrattiva¹¹, ġuridika u kwalunkwe perspettiva xierqa oħra.

Kriterji oħra li se jitqiesu fl-għażla tal-membri huma:

- Bilanċ xieraq bejn l-entitajiet akkademiċi u partijiet interessati oħra (inklużi l-Fondazzjonijiet Ewropej tar-Riċerka) biex jiġi żgurat kemm l-għarfien istituzzjonali u wkoll il-kompetenza teknika;
- Bilanċ xieraq bejn is-sessi;
- Firxa wiesgħa u diversità tal-esperjenza madwar iż-Żona Ewropea tar-Riċerka.

Il-Bord jista' jiġi meġhjun minn esperti addizzjonali li, fuq talba tiegħu, jipprovdu informazzjoni u analiżi indipendenti speċjalizzata.

¹⁰ F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Programm Speċifiku: "...[.] L-implimentazzjoni u l-ġestjoni tal-attività ser jiġu riveduti u evalwati fuq bażi kontinwa sabiex jiġu vvalutati l-kisbiet tagħha u sabiex jiġu aġġustati u mtejba l-proċeduri abbażi tal-esperjenza."

¹¹ Inklużi pereżempju l-kontroll finanzjarju organizzattiv inkella l-verifika interna, eċċ.

4.2 Ambitu

L-analiżi se jkollha influwenza deċiżiva fuq il-ġejjieni tal-KER; trid tkun mifruxa biżżejjed biex tipprowdi konklużjonijiet definittivi. L-analiżi jeħtieġ li tqis ukoll il-livelli varji differenti ta' leġislazzjoni u ta' Prattika leġislattiva li, flimkien mal-qafas ġuridiku tal-Aġenzija Eżekuttiva bħala l-istruttura ddedikata ta' implimentazzjoni jiddefinixxu jew jikkondizzjonaw il-modi ta' operat tal-KER. Dan se jkun ta' importanza partikolari għall-identifikazzjoni ta' fejn u kif it-titjib huwa meħtieġ, inkluż permezz ta' tibdil fil-leġislazzjoni, u fl-eżaminar tal-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' strutturi possibbli (eż. Aġenzija Eżekuttiva, struttura bbażata fuq l-Artikolu 171 tat-Trattat, jew kwalunkwe għażla oħra), peress li t-tħaddim ta' kwalunkwe struttura se jkun affetwat mill-kuntest aktar wiesa'. Eżempji ta' interess partikolari jkunu:

- Il-Programm Speċifiku “Ideat”, li jistabbilixxi l-istruttura essenzjali tal-KER¹², *inter alia* d-drittijiet u l-obbligi tal-Kunsill Xjentifiku u l-istruttura ddedikata għall-implimentazzjoni kif ukoll arranġamenti oħra ta' implimentazzjoni, u l-leġislazzjoni dwar is-7 Programm Kwadru, inklużi r-Regoli tal-Parteċipazzjoni.
- L-istrutturi varji li joperaw għat-teħid tad-deċiżjonijiet, għall-komunikazzjoni u għall-implimentazzjoni tal-programm (partikolarment il-Kunsill Xjentifiku, is-Segretarju Ġenerali tiegħu, u l-Kummissjoni), inklużi dawk definiti f'atti ġuridiċi subordinati għall-leġislazzjoni primarja, partikolarment id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi l-KER.
- Il-kuntest aktar ġenerali tal-amministrazzjoni f'Istituzzjoni Komunitarja jew korpi Komunitarji, partikolarment ir-Regolament Finanzjarju u r-regolament applikabbli tal-Istaff, kif ukoll ir-regolamenti varji, il-linji gwida u l-prattiċi amministrattivi stabbiliti għall-implimentazzjoni ta' dawn l-atti.¹³

Peress li l-KER huwa entità ġdida, li tinvolvi prinċipji u metodi differenti minn Programmi Kwadru preċedenti, huwa inevitabbli li tqajjem bosta sfidi ta' implimentazzjoni fil-fażi tal-bidu. L-analiżi jkollha, għaldaqstant, tiddistingwi bejn dawn l-isfidi li huma tranżitorja u li għalihom instabu inkella qed jinstabu soluzzjonijiet, u kwistjonijiet li, min-naħa l-oħra, jistgħu jiġu attribwiti lil aspetti strutturali persistenti tal-KER u li se jkollhom impatt fuq it-tħaddim tiegħu fil-medda aktar fit-tul.

L-analiżi trid takkomoda l-iżviluppi attwali fil-KER (pereżempju, l-passi lejn l-awtonomija amministrattiva tal-Aġenzija Eżekuttiva u l-proċess biex jinħatru membri futuri tal-Kunsill Xjentifiku), u tibbaża fuq l-evidenza kwantitattiva u kwalitattiva miġbura kif ukoll l-esperjenza miksuba, mill-bidu tal-ħidma tal-Kunsill Xjentifiku f'Ottubru 2005. Hija għandha wkoll, kif stabbilit fil-leġislazzjoni, tqis il-proċess u l-kriterji għall-għażla tal-membri tal-Kunsill Xjentifiku.

¹² “[...] f'Kunsill Xjentifiku indipendenti li huwa magħmul minn xjentisti, inġiniera u akkademiċi tal-ogħla reputazzjoni, li jirrappreżentaw il-komunità tar-riċerka Ewropea fl-istruttura kollha tagħha, appoġġat minn struttura ta' implimentazzjoni effiċjenti u kosteffettiva dedikata li tkun tiġi stabbilita bħala Aġenzija Eżekuttiva.”)

¹³ Il-politika tal-KER fir-rigward tal-persunal u fir-rigward tar-reklutaġġ huma rregolati mid-dispożizzjonijiet tal-Kundizzjonijiet għal impjegati oħra tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 056, 04/03/1968 P.0001-0007). Dawn il-kundizzjonijiet, li ġew affermati mill-ġdid f'diversi okkażjonijiet mil-leġislatur, huma l-bażi għal kwalunkwe strument tal-UE ta' appoġġ għar-riċerka, inklużi l-JTI, kemm jekk dan isir permezz ta' aġenzija eżekuttiva kif ukoll jekk dan isir permezz ta' struttura skond l-Artikolu 171.

Fid-dawl tal-importanza tal-politika Ewropea tar-riċerka u l-iżvilupp istituzzjonali tagħha, huwa imperattiv li r-rendiment tal-KER jiġi vvalutat skont punti ta' riferiment li jirriflettu l-ogħla standards ta' madwar id-dinja, partikolarment fir-rigward ta' aġenziji komparabbli fl-Istati Membri u pajjiżi avvanzati oħra madwar id-dinja, kif ukoll il-programmi ta' riċerka tal-UE li huma mmexxija mill-Kummissjoni. F'dan il-kuntest, l-esperjenza ta' strutturi esterni oħra stabbiliti fil-kuntest tas-7 Programm Kwadru, bħall-JTIs jew foqsmi relatati, bħall-Istitut Ewropew għall-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) ukoll tkun rilevanti. L-analiżi għandha tqis ukoll l-analiżi usa' tal-Kummissjoni rigward l-istrutturi esterni, bħar-rapporti ta' analiżi mħejjija għall-ewwel tliet snin tal-operat ta' kull Aġenzija Eżekuttiva, kif ukoll il-verifiki dwar ir-rendiment tal-Aġenzija Eżekuttiva kollha, fosthom il-KER, li għandhom jiġu mnedija mill-Qorti tal-Awdituri matul l-2008, b'riżultati dwar is-sejbiet sa Diċembru 2008.

4.3 Metodi ħidma

Sabiex jiġu żgurati l-firxa u l-profondità meħtieġa tal-evidenza, il-Kummissjoni tipproponi s-sistema ta' "Kummissjoni ta' Inkjesta" li tinvoli l-eżaminar kunfidenzjali ta' provi dokumentarji u orali li jistgħu jaslu minn firxa wiesgħa ta' perspettivi ta' partijiet interessati ewlenin, inkluż, pereżempju, il-Kunsill Xjentifiku KER; il-komunità tar-riċerka (is-settur akkademiku, l-istituti tar-riċerka, il-fondazzjonijiet tar-riċerka, l-industrija); L-Istati Membri; L-Istituzzjonijiet tal-UE; id-DG RTD u servizzi oħra tal-Kummissjoni.

Il-metodi ta' ħidma dettaljati se jitħallew f'idejn il-Bord innifsu, iżda huwa mistenni li l-Bord ikun jista':

- jitlob evidenza orali u bil-miktub mill-partijiet interessati;
- janalizza evidenza eżistenti inklużi l-istudji ta' monitoraġġ u analiżi dwar il-Programm Speċifiku "Ideat";
- iwettaq analiżijiet *ad hoc*, pereżempju ta' informazzjoni statistika u ta' dokumenti u analiżijiet rilevanti ta' politika.

Il-Kummissjoni se tipprovdi lill-Bord l-informazzjoni kollha meħtieġa u s-servizzi tal-Kummissjoni jistgħu, fuq talba tal-Bord, isejħu laqgħat *ad hoc* tal-esperti dwar kwistjonijiet partikolari. F'konsistenza mad-dispożizzjoni ta' hawn fuq għall-involment sħiħ tiegħu, il-Kunsill Xjentifiku indika li biħsiebu jippreżenta sinteżi tal-esperjenza tiegħu sal-lum u suġġerimenti għat-titjib, b'konsiderazzjoni wkoll tal-aqwa prassi tal-Kunsilli ta' Riċerka.

4.4 Kriterji

Il-kriterji għall-evalwazzjoni ta' nofs il-mandat – eċċellenza xjentifika, awtonomija, effiċjenza u trasparenza – jirriflettu prinċipji ewlenin li fuqhom huwa bbażat il-KER. It-taqsimiet li ġejjin janalizzaw u jipprovdu kummentarji dwar kull kriterju rispettivament. Għandu jiġi enfasizzat madankollu li dawn il-kriterji jridu jitqiesu wkoll b'mod olistiku peress li jinvolvu rekwiżiti li jinteraġixxu bejniethom; pereżempju, il-kwalità tal-ġestjoni xjentifika ma tista' tiġi sseparata minn konsiderazzjonijiet ta' effiċjenza. Il-kriterji għandhom jiġu applikati wkoll b'konsiderazzjoni għal punti ta' riferiment partikolari, pereżempju l-arranġamenti f'aġenziji tar-riċerka fl-UE inkella f'pajjiżi oħra avvanzati. Barra minn hekk, ir-rekwiżit fundamentali għall-integrità impekkabbli fl-operazzjonijiet tal-KER għandu jixpruna l-analiżijiet tal-kriterji individwali kollha.

4.4.1 Eċċellenza Xjentifika

L-eċċellenza xjentifika u akkademika hija kemm għan li għandu jintlaħaq mill-KER kif ukoll motivazzjoni fl-isfond tal-aspetti kollha tal-operat tiegħu. Kwistjonijiet essenzjali li għandhom jitqiesu fl-analiżi għandhom jinkludu:

- *Il-KER kemm qed jirnexxielu jippromwovi l-eċċellenza xjentifika fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka?*
- *L-istrateġija, l-implimentazzjoni amministrattiva u l-eżekuzzjoni tal-programmi tal-KER kemm qegħdin jaħdmu fl-interessi tal-eċċellenza xjentifika?*
- *Il-prinċipju tal-eċċellenza xjentifika huwa fil-fatt inkorporat fil-kultura u l-proċessi tal-KER?*

4.4.2. Awtonomija

L-awtonomija tinvolvi l-fatti li ġejjin li għandhom jitqiesu fl-analiżi:

- *Il-kundizzjonijiet tat-tħaddim tal-KER jippermettu li l-istrateġija xjentifika tkun determinata b'mod effettiv u indipendenti skont ir-rekwiżiti xjentifiċi?*
- *L-istrateġija xjentifika mfassla b'mod indipendenti mill-Kunsill Xjentifiku tiġi rispettata bħala l-bażi għall-implimentazzjoni minn struttura ddedikata tal-implimentazzjoni?*
- *Il-kundizzjonijiet tal-operat tal-istruttura ddedikata tal-implimentazzjoni jippermettulha ssegwi b'mod strett, effiċjenti u bil-flessibbiltà meħtieġa, l-istrateġija xjentifika stabbilita mill-Kunsill Xjentifiku u r-rekwiżiti tal-Programm Speċifiku "Ideat"?*
- *L-istrutturi u l-proċeduri stabbiliti mill-Kummissjoni għall-KER kemm huma adegwati biex jggarantixxu l-awtonomija sħiħa tagħha fil-medda t-twila?*

4.4.3 Effiċjenza

Il-KER ma joperax biss bħala entità iżolata iżda bħala komponent tas-sistema Ewropea tar-riċerka. L-effiċjenza għalhekk tinvolvi konsiderazzjonijiet mhux biss tal-proporzjon tal-użu kumplessiv tar-riżorsi iżda wkoll tal-kapaċità tagħha li tuża dawn ir-riżorsi b'mod effikaċi, pereżempju li tiġbed l-aqwa applikanti u evalwaturi. Il-valutazzjoni tal-effiċjenza tiegħu għalhekk tqajjem mistoqsijiet bħal dawn:

- *L-infiq kumlessiv tal-KER fuq l-amministrazzjoni huwa fil-parametri stabbiliti għalih, u huwa konsistenti mal-aqwa prassi fl-aġenziji tar-riċerka madwar id-dinja?*
- *Is-separazzjoni tal-kompiti bejn il-Kummissjoni u l-KER kemm jirnexxielha tevita b'mod effiċjenti d-duplikazzjoni tal-attivitajiet u sa fejn tippermetti l-operat effiċjenti tal-KER?*
- *Ir-rwoli tal-atturi fl-istruttura ta' governanza tal-KER (Kunsill Xjentifiku, Segretarju Ġenerali, Struttura Dedicata tal-Implimentazzjoni, Kummissjoni) u r-*

relazzjonijiet ta' bejniethom, huma ddefiniti, distinti u akkoppjati tajjeb biżżejjed biex jinkisbu organizzazzjoni u ġestjoni effiċjenti ħafna?

- *Is-sistemi u l-proċeduri adottati mill-KER jippermettu l-ksib tal-għanijiet b'tali mod li jkun ekonomiku fl-użu tar-riżorsi (umani u finanzjarji)?*
- *L-operazzjonijiet tal-KER (sejġiet, proposti, analiżijiet, għotjiet eċċ) huma sempliċi, flessibbli u faċli biżżejjed biex jintużaw u b'hekk jiġbdu l-aqwa applikanti u evalwaturi?*

4.4.4 Trasparenza

Il-KER huwa maħsub biex jopera b'livell għoli ta' awtonomija u bl-ogħla standards ta' integrità. F'dan il-kuntest, il-kunċett tat-trasparenza huwa pjuttost sempliċi biex wieħed jifhem. Il-kwistjonijiet ewlenin li għandhom jiġu indirizzati huma:

- *Il-KER jikkomunika informazzjoni ta' sustanza u ta' kwalità suffiċjenti biex iċ-ċittadini u partijiet interessati oħra jifhem l-operazzjonijiet tiegħu u jkollhom kunfidenza fl-użu u l-kontroll effikaċi tal-baġit tiegħu?*
- *Il-KER jipprovdi informazzjoni ta' sustanza u ta' kwalità suffiċjenti lill-Istituzzjonijiet tal-UE biex ikunu jistgħu jeżerċitaw ir-responsabbiltajiet tagħhom ta' superviżjoni?*

4.5 Skema u Riżultati mistennija

F'konsistenza mal-għan li l-analiżi ssir malajr kemm jista' jkun, din li ġejja hija skeda indikattiva:

- Ħatra tal-esperti - Frar 2009
- L-ewwel laqgħa tal-bord ta' esperti – Frar 2009
- Preżentazzjoni tal-evidenza orali u bil-miktub: Frar- Mejju 2009
- Rapport finali - Lulju 2009
- Tweġiba inizjali mill-Kummissjoni – Settembru 2009

Il-Bord se jħejji rapport finali li fihi jipprovdi r-rakkomandazzjonijiet u l-konklużjonijiet. Dan għandu jinkludi analiżi u analiżi ta' kemm huma adegwati l-istrutturi u l-mekkaniżmi eżistenti, jekk jeżistux xi nuqqasijiet u jekk humiex meħtieġa xi tibdiliet li jistgħu jitqiesu bħala "soluzzjonijiet tekniċi" (pereżempju aġġustament lill-mudel tal-Aġenzija Eżekuttiva) inkella li jistgħu jitqiesu bħala kwistjonijiet organizzattivi sostantivi u/jew ġuridiċi.

Ir-riżultat tal-analiżi għandu jipprovdi l-ġustifikazzjonijiet għall-Kummissjoni, f'konsultazzjoni mal-Kumitat Xjentifiku, biex tagħti bidu għal kwalunkwe proposti leġiżlattivi meqjusa meħtieġa.

5. KONKLUŻJONI

L-analiżi tal-istrutturi u tal-mekkaniżmi tal-KER se jkollha influwenza deċiżiva fuq l-istruttura tal-KER fil-ġejjieni u għaldaqstant se tkun punt ta' riferiment għall-iżvilupp tal-finanzjament tal-UE għar-riċerka fil-ġejjieni. Għalhekk huwa essenzjali li l-analiżi ssir kif jixraq u b'mod effikaċi, bl-appoġġ sħiħ tal-partijiet interessati, fosthom l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Kunsill Xjentifiku.

Din il-Komunikazzjoni tipproponi l-bażi u t-tqassim temporali għal analiżi li tkun infurmata tajjeb, b'firxa wiesgħa u imparzjali, u b'hekk tipprovdi sisien sodi li fuqhom jista' jinbena l-ġejjieni aktar fit-tul tal-KE. Tidentifika wkoll għadd ta' oqsma possibbli li fihom jistgħu jsiru aġġustamenti biex jittejjeb ir-rendiment tal-KER mingħajr ma jkunu ppreġudikati l-implimentazzjoni jew ir-riżultati tal-analiżi.

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill huma mistiedna jipprovdu l-osservazzjonijiet tagħhom dwar il-metodoloġija proposta hawnhekk, sa Diċembru 2008, sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tikkunsidrahom hija u tistabbilixxi l-mandat għall-analiżi indipendenti.

Wara r-riżultati tal-analiżi, il-Kummissjoni se tieħu passi xierqa biex timplimenta l-konklużjonijiet tagħha filwaqt li tqis il-ħtieġa għall-kontinwità fl-operazzjonijiet tal-KER permezz ta' kwalunkwe aġġustament meħtieġ.

MEZZI POSSIBBLI BIEX JITTEJJEJ IR-RENDIMENT TAL-KER MINGĦAJR PREĠUDIZZJU GĦALL-ANALIŻI TAL-ISTRUTTURI U L-MEKKANIŻMI

Kif indikat fit-Taqsima 3, mingħajr preġudizzju għat-twettiq tal-analiżi ta' nofs il-mandat u tar-risultati tagħha, abbażi tal-esperjenza tal-bidu, il-Kummissjoni diġà qed tqis għadd ta' oqsma li fihom tista' ttejjeb sostanzjalment l-operazzjonijiet tal-KER permezz ta' aġġustamenti tekniċi lit-termini tal-implimentazzjoni u tal-ambjent operattiv fi ħdan id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Kunsill u tal-Parlament. Dawn l-oqsma jinkludu:

- Il-funzjonalità u ċ-ċarezza tal-interface bejn il-Kunsill Xjentifiku u l-istruttura ddedikata tal-implimentazzjoni. Jista' jkun ukoll possibbli titjib fir-rigward tal-ispeċifikazzjoni ta' arranġamenti biex tiġi żgurata r-rabta bejn il-Kunsill Xjentifiku, il-Kummissjoni u l-istruttura ddedikata tal-implimentazzjoni. Dan jista' jinkludi raffinar ulterjuri tar-rwol tas-Segretarju Ġenerali tal-KER fir-rigward tal-Preidenza u l-Viċi Presidenza tal-Kunsill Xjentifiku u r-rwol tal-Brod imwaqqaf mill-Kunsill Xjentifiku, fejn il-Presidenti, il-Viċi Presidenti u s-Segretarju Ġenerali jiltaqgħu, u jistiednu wkoll lid-Direttur tal-istruttura ddedikata tal-implimentazzjoni. F'dan il-kuntest, dispożizzjonijiet fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi l-KER jistgħu jiġu riveduti biex jiġi rikonoxxut il-ħin li l-President u l-Viċi Presidenti tal-Kunsill Xjentifiku jallokaw għal xogħol tal-KER. Meta dan isir, ir-riskju tal-kunflitt tal-interessi, li pereżempju jista' jirriżulta minn sussidju effettiv tal-KER mill-organizzazzjonijiet ospitanti tal-President u tal-Viċi Presidenti, għandu jitqies, flimkien mad-dispożizzjonijiet għar-responsabbiltà tal-Kunsill xjentifiku, li tinkludi l-kodiċi ta' mgħiba u l-obbligi tar-rappurtar.
- L-għażla u l-ħatra tar-reviżuri laterali. Fid-dawl tal-ambitu xjentifiku wiesa' tal-attivitajiet tal-KER u l-ħtieġa għal għadd kbir ta' reviżuri, l-użu tajjeb tar-riżorsi jirrikjedi li dawn il-proċeduri jkunu sempliċi u flessibbli kemm jista' jkun, konsistenti mal-prattika amministrattiva t-tajba u mal-ġestjoni finanzjarja. Jistgħu jkunu possibbli simplifikazzjonijiet fir-rigward kemm tal-għażla tal-esperti, fejn jeżistu xi ambigwitatijiet fir-rwol tal-Kunsill Xjentifiku u l-Kummissjoni fir-rigward tal-għażla tal-esperti għall-analiżi tal-proposti tar-riċkera u wkoll rigward il-ħtieġa li l-Aġenzija Eżekuttiva tħejji deċiżjoni tal-Kummissjoni għal kull espert maħtur u fil-proċessi tal-ħatra u tal-ħlas.
- L-ipproċessar tal-għotjiet. Għall-proposti ta' riċerka esploratorja, meta x-xogħol minnu nnifsu mhux prevedibbli f'termini ta' risultati, il-prinċipju tal-KER huwa li jevita "negożjar" dwar l-għotjiet, li huma offerti fuq il-bażi tal-approvazzjoni tal-proposta, u l-ispeċifikazzjoni tal-baġit xieraq, mill-bord tal-analiżi *inter pares* (wara deċiżjoni tal-għażla). Jista' jkun xieraq li jiġu riveduti l-obbligi tar-rendiment tal-Investigatur Prinċipali sabiex jiġi żgurat li, fiċ-ċirkostanzi kollha, fejn l-analiżi *inter pares* tnaqqas il-baġit ma jkunx hemm rekwiżiti mandatorji li d-deskrizzjoni ta-xogħol tiġi adattata.
- Il-modifikar tal-għodod tal-IT tal-FP7 għall-ħtiġijiet tal-KER. Fl-istadji bikrin tal-implimentazzjoni tas-7 Programm Kwadru, li nżertaw fl-istess żmien tal-bidu tal-KER, dan tal-aħħar kellu bilfors jistrieħ fuq l-użu ta' għodod u konfigurazzjonijiet standard tas-7 Programm Kwadru kollu kemm hu. Maż-żmien, il-Kummissjoni se tqis kif dawn l-għodod – pereżempju s-sistema elettronika għall-preżentazzjoni tal-proposti (EPSS) jistgħu jiġu kkonfigurati speċifikament għall-attivitajiet tal-KER biex jittejjbu kemm l-effiċjenza u l-

awtonomija, b'tali mod li jkun konsistenti mal-ekonomija u l-effiċjenza tas-7 Programm Kwadru kollu kemm hu.